**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Monsinjur Giuseppe Mifsud Bonnici [K.I. numru 308739(M)], fil-kwalita` tiegħu ta' Ezekutur Testamentarju tal-mejta Maria Schranz**

**Vs.**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Noel Scerri li permezz tad-digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2018 gew nominati bhala kuraturi deputati tal-eredita` gjacenti ta' Maria Cachia [K.I. numru 577139(M)]**

Rik Nru: 54/2019

Illum 7 ta' Jannar 2020

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Monsinjur Giuseppe Mifsud Bonnici [K.I. numru 308739(M)], fil-kwalita` tiegħu ta' Ezekutur Testamentarju tal-mejta Maria Schranz li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrent nomine kien nominat bhala ezekutur testamentarju tal-Wirt ta' Maria Schranz u dan skont id-Digriet numru 1572/1997 moghti mill-Qorti Civili [Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja], li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok GMB;

2. Illi ir-rikorrent nomine huwa l-proprjetarju nomine tal-fond numru tlieta u sittin (63), li jinsab ġewwa Triq Depiro, Sliema;

3. Illi dan il-fond kien ilu snin jinkera lil certa Maria Cachia li mietet ab intestato (Dok MC1 u Dok MC2) fit-28 ta' April, 2014 kif jidher mic-Ċertifikat tal-Mewt hawn anness u mmarkat bħala Dok MCX;

4. Illi Maria Cachia ma kinitx mizzewga u ma kellhiex ulied, u l-fond in kwistjoni kien jinkera lilha biss u ghalhekk ma mewtha il-kirja in kwistjoni giet terminata;

5. Illi minkejja dan, ir-rikorrent nomine ghadu ma hax lura l-pussess tal-fond in kwistjoni;

6. Illi, di piu`, id-decujus Maria Cachia, kienet ilha mis-sena 2010 ma thallas il-kera ta' LM 30 fis-sena dovuta lir-rikorrent nomine u ghalhekk kienet debitrici tar-rikorrent nomine fis-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€ 1,751.13) bl-imghax legali mill-31 ta' Jannar, 2010 sad-data tal-pagament effettiv;

7. Illi l-intimati nomine ġew interpellati sabiex jizgombraw mill-fond hawn fuq imsemmi u jhallsu l-arretrati ta' kera gravanti fuq l-fond hawn fuq imsemmi permezz tal-Ittra Ufficjali numru 889/2018, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bħala Dok A, izda baqghu inadempjenti;

8. Ir-rikorrent nomine jaf bil-fatti imsemmija personalment;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu ghalhekk l-intimati nomine ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent nomine li qieghed hawn jitlob illi dan il-Bord Joghgbu:

i. Jiddikjara xolta u li ma għandhiex fis-sehh aktar il-kirja li l-intimati nomine kienu igawdu fuq il-fond numru tlieta u sittin (63), Depiro Street, Sliema, proprjeta` tar-rikorrent nomine;

ii. Jordna lill-intimati nomine jizgombraw mill-fond numru tlieta u sittin (63), li jinsab gewwa Triq Depiro, Sliema, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn Dan l-Onorabbli Bord u għalhekk Jawtorizza lir-rikorrent nomine jirriprendi l-pussess tal-imsemmi fond;

iii. Jikkundanna lill-intimati nomine jhallsu lir-rikorrent nomine s-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u ħamsin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€ 1,751.13) bl-imghax legali mill-31 ta' Jannar, 2010 sad-data tal-pagament effettiv, import ta' kera mhux imhallsa ghall-

iskadenzi mis-sena 2010 'il quddiem, dovuti fuq il-fond numru tlieta u sittin (63), Triq Depiro, Sliema.

Ra r-risposta tal-kuraturi Deputati l-Avv. Simon Micallef Stafrace u l-Pl Noel Scerri li b'digriet tal-21 ta' Marzu, 2018 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Marija Cachia li permezz taghha gie eccepiet:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill- fatti u ghalhekk qedghin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Fl-affidavit tieghu Monsinjur Giuseppe Mifsud Bonnici xehed li l-fond inkwistjoni iddevolva fuq l-Arcidjocesi ta' Malta permezz tal-eredita' ta' maria Shranz li mietet fis-7 ta' Ottubru 1992 permezz ta' testament in atti Nutar Dottor Anthony Gatt tas-27 ta' April 1972. Bhala Rettur pro tempore tas-seminarju Arciveskovili ta' Malta gie nominat bhala ezekutur testamentarju tal-wirt u gie kkonfermat f'din il-kariga b'digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Dicembru 1997. Il-fond inkwistjoni kien gie moghti b'cens ghal 21 sena mill-imsemmija testatrici lil certu Anthony Abela Caruana u dan tal-ahhar kien jikri dan il-fond lil Maria Cachia b'kera ta' LM 30 fis-sena. Huwa ghadda l-informazzjoni kollha necessarja lil Property Manager tal-Arcidjocesi ta' Malta, Raymond Bonnici sabiex jara li dak li ghandu jsir fl-amministrazzjoni tal-istess eredita' jsehh.

Fl-affidavit tieghu Raymond Bonnici xehed li meta beda fix-xoghol tieghu bhala principal fit-taqsima proprjeta' tal-Kurja fis-sena 2000 kien ghalaq

ic-cens fuq il-fond 63, Depiro Street, Sliema. Huwa baghat ittra lil Maria Cachia biex jara kif tista' tipprocedi s-sitwazzjoni tal-kera. Dan peress li l-istess Cachia kellha d-dritt li tibqa' tokkupa l-post bil-kera ta' Lm60 fis-sena. Irrizulta mill-kuntatti li kien hemm li din Cachia kienet qed issofri minn problem ta' sahha mentali u kien difficli li jintlahaq ftehim maghha. Hija ta' sikwit kienet tkun rikoverata f'Mount Carmel. Fis-sena 2006, iltaqa' mas-social worker ta' Cachia. Din tal-ahhar kienet qeghda tghix bir-relief u gie deciz li tibqa' thallas Lm30 kera. Fit-28 ta' April 2014, Maria Cachia mietet gewwa H'Attard. Mir-ricerki testamentarji rrizulta li Maria Cachia mietet *ab intestato.* Ma rrizultax li Ccahia kellha xi qraba.

Dr Michelle Tabone xehdet[1] li hija ghandha r-rapprezentanza legali tal-Kurja Arciveskovili u ghandha x'taqsam ukoll mad-dipartiment tal-proprjeta'. Tghid li fil-11 ta' Mejju 2017 kienet marret fil-post meta sar l-isgass min-naha taghhom quddien il-prezenza tal-Marixxalli tal-Qorti u tal-Pulizija mill-Ghassa tad-Distrett ta' Tas-Sliema. Meta marru fuq il-post sabu l-oggetti kollha elenkati fl-invenarju pprezentat mar-rikors promotur. Kien hemm hafna hmieg u taqlib u inkartamenti u flyers u karti tal-posta u kif ukoll hafna kontijiet tal-utilitajiet. Kien evidenti li l-post ma kienx qieghed jigi abitat u kkonfermat li hemm pendenzi ta' arretrati ta' kera wkoll.

Illi abbazi tax-xhieda li mhiex kontradetta u l-provi dokumentarji jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti huma misthoqqa billi jirrizultaw ippruvati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi li filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati safejn mhux kompatabbli ma' dak hawn deciz jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti w ghalhekk:

1. Jiddikjara xolta u li ma għadhiex fis-sehh aktar il-kirja li l-intimati nomine kienu igawdu fuq il-fond numru tlieta u sittin (63), Depiro Street, Sliema, proprjeta` tar-rikorrent nomine;

[1] Seduta tas-17 ta' Ottubru 2019

2. Jordna lill-intimati nomine jizgombraw mill-fond numru tlieta u sittin (63), li jinsab gewwa Triq Depiro, Sliema, fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) jum millum u għalhekk jawtorizza lir-rikorrent nomine jirriprendi l-pussess tal-imsemmi fond;

3. Jikkundanna lill-intimati nomine jħallsu lir-rikorrent nomine s-somma ta' elf, seba' mija u wieħed u ħamsin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€ 1,751.13) bl-imghax legali mill-31 ta' Jannar, 2010 sad-data tal-pagament effettiv, import ta' kera mhux imħallsa ghall-iskadenzi mis-sena 2010 'il quddiem, dovuti fuq il-fond numru tlieta u sittin (63), Triq Depiro, Sliema.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimata. L-ispejjez tal-kuraturi deputati jithallsu skont il-Ligi.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**